# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 18.
Citazz. Nru. 2502/00 JRM

**Emanuel u Antida ZAMMIT bhala Kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Isaac ZAMMIT**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-23 ta' Novembru, 2000, li bih l-atturi *nomine* ppremettew:

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' Izaak Zammit, iskritt fir- Registru Pubbliku bin-numru tar-registrazzjoni 1331 tas-sena 1998 (hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A") fit-tielet kolonna ta' fejn hemm indikat "Isem il-Wild" gie erroneament imnizzel l-isem Izaak minflok l-isem "Isaac";

Illi mit-twelid il-minuri kellu l-isem ta' Isaac u f'kull korrispondenza kellu ismu imnizzel hekk u dan kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

Illi l-attur ghan-nom ta' ibnu minuri ghandu interess li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Isaak Zammit bin-numru ta' registrazzjoni 1331 tas-sena 1998 fis-sens illi minflok l-isem Izaak fit-tielet kolonna tac-certifikat kif fuq spjegat tigi sostitwita bl-isem korretta u cioe' ta' "Isaac";

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi *nomine* flimkien mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali mehmuz maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fis-7 ta' Frar, 2001, li biha eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

2. Illi fit-tieni lok, it-tieni premessa fic-citazzjoni attrici tikkontradixxi l-ewwel premessa kif ukoll l-istess talba attrici, u ghaldaqstant ghandha tintalab id-debita korrezzjoni mill-attur sabiex il-kelma “Isaak” tigi sostitwita bil-kelma “Isaac” u dan ghall-finijiet ta’ konsistenza ta’ fatti;

3. Illi fi kwalunkwe kaz huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tal-4 t’April, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax isem il-wild tal-atturi huwa registrat b’mod zbaljat fl-Att tat-Twelid tal-istess wild li jgib in-numru 1331/1998 [Dok “A” f’pagna 9 tal-process]. Huma jtennu li dan l-izball jikkonsisti f’li l-ewwel isem ta’ binhom ghandu jkun miktub “Isaac” u mhux “Isaak”, kif muri fl- imsemmi Att tat-Twelid;

Illi l-atturi nomine ressqu provi, kemm orali u kif ukoll b'dokumenti, biex isostnu t-talba taghhom u, l-attur fisser ghaliex, ukoll fic-Certifikat tal-Maghmudija [Dok "A2" f'pagna 17 tal-process] l-istess nuqqas gie mtenni kif inhu fl-Att tat-Twelid;

Illi, minbarra dan, l-atturi jishqu li l-isem li ntuza ghal binbom sa mill-ewwel jiem ta' hajtu (wara kollox, il-minuri llum ghadu bilkemm ghalaq tliet snin) kien "Isaac";

Illi, ukoll skond ma jghid l-Att tat-Twelid, d-dikjarazzjoni tat-twelid saret mill-attur missier l-istess tarbija;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem il-minuri jkun konformi mal-ghazla li saret mill-atturi sa mill-bidunett tal-hajja tieghu u li jixtiequ, b'kull ragun, li ma tigix imfixkla jew imxejjna. Min-naha l-ohra, il-bidla mitluba mill-atturi *nomine* ma ggib l-ebda hsara lit-terzi persuni, li wkoll, kieku kien hemm xihadd li deherlu li kellu jressaq opposizzjoni, messu ghamel dan fiz-zmien stabilit mil-ligi, meta deher l-avviz fil-Gazzetta;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba, u dwar dak imsemmi fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-atturi talbu, u nghataw, fiz-zmien utli, l-fakolta' li jsewwu l-atti tal-kawza;

Illi l-Qorti tosserva li l-atturi *nomine* talbu li jsir il-bdil fl-Att tat-Twelid ta' binhom limitatament ghall-intestatura "Ismijiet Moghtijin" (huma jirreferu ghaliha bhala "t-tielet kolonna") u mhux ukoll ghall-intestatura "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-

Tarbija ghandha tigi msejha". Il-Qorti tifhem ghalhekk, li dak li riedu l-atturi *nomine* huwa rifless fl-Att tac-Citazzjoni u, b'mod partikolari, fit-talba taghhom wahdanija. Mhux fis-setgha ta' din il-Qorti li tiddeciedi izjed minn dak li jintalab bla ma tkun qeghda tindahal fi hwejjeg li jkunu ultra petita;

Illi, mill-bqija, l-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li meta l-attur mar huwa stess biex irregistra t-twelid u ffirma l-Att tat-Twelid originali, kien fid-dmir tieghu jara u jifli sewwa dan id-dokument qabel iffirmah. Ta' dan in-nuqqas m'ghandux jahti l-imharrek;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid numru 1331 tal-1998 hemm zball fis-sens illi, taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin", isem it-tarbija ghandu jkun "Isaac" u mhux "Isaak", kif jidher attwalment;

Tordna ghalhekk li ssir it-tiswija tal-imsemmi zball f'dik l-intestatura;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi *nomine* kif imfisser fl-artikolu 920 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

## Moqrija.

*17 ta' Mejju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Mejju, 2001.**